## Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta' Settembru

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 3 ta' Settembru | **San Girgor il-Kbir – Papa u duttur tal-Knisja**<br>Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 4 ta' Settembru | **It-23 Ħadd taz-żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Il-Ħamis 8 ta' Settembru | **Solennità tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija**<br>Quddies: 6.45, 8.30am u fis-6.15pm |
| Is-Sibt 10 ta' Settembru | **Tifkira tal-Verġni Marija – Jum is-Sibt**<br>Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 11 ta' Settembru | **L-24 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| L-Erbgħa 14 ta' Settembru | **Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Mqaddes**<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| Is-Sibt 17 ta' Settembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 18 ta' Settembru | **Il-25 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| L-Erbgħa 21 ta' Settembru | **Festa ta' San Mattew – appostlu u evanġelista**<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| Is-Sibt 25 ta' Settembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 26 ta' Settembru | **Is-26 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Il-Ħamis 29 ta' Settembru | **Festa tal-Arkanġli Mqaddsa – Mikiel, Gabriel u Rafel**<br>Quddies: 6.45, 8.30am u fis-6.15pm |

## GRUPP ĠDID TAŻ-ŻAK

Minn Ottubru li ġej dawk li twieldu fl-2009 u fl-2010 huma mistiedna li jingħaqdu mal-grupp taż-ŻAK tal-Iklin tal-età tagħhom. Dan il-grupp jagħti l-opportunità lil dawn iż-żgħażagħ jikbru flimkien fil-fidi u fil-ħbiberija mal-oħrajn.

Il-laqgħat isiru nhar t'Erbgħa mis-18.15 sas-19.30. Min jixtieq japplika biex jingħaqad ma' dan il-grupp għandu jimla l-formola li tinsab fuq il-website u facebook pages tal-parroċċa.

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302

**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

SETTEMBRU 2022
**ĦARĠA 222**

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

Nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru ser nagħtu bidu għas-Sena Pastorali 2022 – 2023 bi żjara fostna tal-Isqof Joseph Galea Curmi li ser jiċċelebra l-quddiesa tas-6.15 pm. It-tema għal din is-Sena Pastorali hija: Komunità li takkompanja. Allura kif insiru żewġ affarjiet: dixxipli u missjunarji. Allura llum xtaqt nikteb dwar karatteristika ta' dixxiplu – waħda fost bosta – dik tal-umiltà.

Trid togħġob lil Alla? Toqgħodx tfittex l-ewwel post. Mur inxteħet fil-post tal-aħħar. Tgħallem tiċċekken. Kun bħal Ġesù. Għix bħal Ġesù. Ċekken lilek innifsek, sir il-qaddej, is-seftur ta' kulħadd. Tħallix rasek tikbirlek. Fi kliem ieħor: Tgħallem l-umiltà.

Kif inkejjel inix umli jew le? San Ġorġ Preca fil-"Ktieb tas-Sinjali u tal-Mezzi" (paġna 13) jgħidilna: "Min hu umli

i. ifittex l-aħħar post
ii. jobdi dejjem
iii. ma jeħux għalih innifsu
iv. ma jimpurtahx la minn unuri u lanqas minn disprezzi
v. iċedi u ma joqgħodx jirreżisti
vi. ma jafdax fih innifsu
vii. jitlob."

Id-dixxiplu huwa dak li jiċċekken quddiem Kristu u quddiem ħutu.

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## BIDU TAS-SENA PASTORALI

**Il-Ħamis 22 ta' Settembru 2022, l-Isqof Awżiljarju Monsinjur Joseph Galea Curmi ser jiċċelebra l-quddiesa tas-6.15 pm biex jinawgura s-sena Pastorali l-ġdida 2022 – 2023 u jbierek ix-xogħolijiet kollha li saru tul dawn l-aħħar xhur.**

**Dan jinkludi:**

- L-estern kollu tal-kumpless tal-Knisja, Ċentru Parrokkjali, u Dar Parrokkjali sarilhom xogħol ta' tikħil, unvjar fuq il-fil, ingħata l-ispirtu jew żebgħa ħalli jitwaqqaf kull periklu li jidħol l-ilma.
- Sar ukoll xogħol ta' żebgħa fuq il-ħadid l-iswed kollu tat-twieqi u tad-dawra tal-Knisja, Ċentru u Dar. Inżebgħat id-daħla tal-Knisja u ż-żewġ btieħi nterni bit-tikħil u xogħol ieħor li jirrikjedu.
- Infrastruttura ġdida tat-teknoloġija tal-Informatika tal-Knisja u Ċentru Parrokkjali li nbidlet minn waħda relattivament żgħira għal waħda li tiflaħ aktar għall-ħtiġijiet tal-lum. Proġett bħal dan sar possibbli aktar meta issa fl-Iklin għandna l-possibilta tal-fibre optic network. Tqegħdu aktar minn sitt kilometri ta' cable ħalli f'kull kamra jkun hemm coverage tal-internet għaxar darbiet ta' dik li hemm bħalissa. In-numru ta' security cameras ser jiżdied drastikament. Ser ikun hemm ukoll sistema ta' intercom mal-bibien tal-Kumpless Parrokkjali. Tqiegħed firewall għas-security tas-sistema tal-internet u ser ikun possibbli li waqt li katekista tniżżel xi filmat jew materjal ieħor mill-internet, dan ma jwaqqafx lill-katekisti l-oħra milli jagħmlu l-istess.

**Nirringrazzjaw lill-Benefatturi li qed jgħinu biex dawn il-proġetti sostanzjali jitwettqu u nirringrazzjaw lil kull min jissapportja 'l parroċċa bid-donazzjonijiet, pariri jew xogħol voluntarju.**

**Monsinjur Isqof ser jagħti l-Mandat lill-Operaturi Pastorali li għad m'għandhomx Mandat.**

**Wara l-quddiesa jkun hemm opportunita biex l-Operaturi Pastorali jiltaqgħu soċjalment ma' Monsinjur Isqof u ma' xulxin.**

## LITURĠIJA TAL-KELMA GĦAT-TFAL

Kull nhar ta' Ħadd, waqt il-quddiesa tal-11.15 am qed tiġi ċċelebrata Liturġija tal-Kelma għat-tfal fis-Sala Parrokkjali. It-tfal kollha huma mistednin. Fit-Tieni Ħadd tax-xahar tanima l-quddiesa tal-11.15 am il-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċa tagħna.

**Open Evening Katekiżmu tfal**

Il-ġenituri tat-tfal kollha tal-Katekiżmu għat-tfal minn Snin 1 sa 7 huma mistiedna biex flimkien ma' wliedhom jattendu għall-Open Evening tal-Katekiżmu għat-Tfal nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru fis-7.00 pm.

Ser jingħata tagħrif importanti fil-Knisja dwar is-Sena Kateketika li jmiss u mbagħad it-tfal u l-ġenituri jiltaqgħu mal-katekisti fil-klassijiet tagħhom.

Infakkru li l-Katekiżmu għat-Tfal fil-Parroċċa tagħna jsir it-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 pm u l-5.15 pm waqt il-ġranet tal-iskola tal-istat.

**Quddiesa Tberik Basktijiet tal-Iskola**

Il-Ħadd 25 ta' Settembru t-tfal kollha u l-ġenituri tagħhom huma mistiedna għall-quddiesa tat-Tberik tal-Basktijiet tal-iskola waqt il-Quddiesa tal-11.15 am. Nitolbu l-barka t'Alla fuq l-Edukaturi kollha tagħna.

## PROGRAMM FORMAZZJONI ADULTI

Il-Parroċċa tagħna qed tniedi l-Programm tal-Formazzjoni tal-Adulti għal din is-sena pastorali 2022 – 2023.

Inkomplu bil-ġurnata tal-erbgħa filgħaxija mis-6.40 pm sa 7.30 pm, wara l-quddiesa tas-6.15 pm bħala l-ħin iddedikat lill-formazzjoni tal-adulti. Dan jinkludi numru ta' laqgħat fis-serje Hop On Hop Off Formation Wednesdays. Inkomplu l-Liturġija tal-Kelma kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar ma' Mons Kalċidon Vassallo.

Hemm ukoll diversi seminars il-Ħadd filgħodu kemm għall-ġenituri kif ukoll għat-tfal mill-9.45 am sal-quddiesa ta-11.15 am fis-sala parrokkjali.

Ikomplu wkoll l-Eżerċizzi u l-Irtir bil-Mixi tul ir-Randan. Il-programm sħiħ qed jitqassam lill-familji kollha tal-parroċċa tagħna.

Kulħadd mistieden li jattendi.

## STUDJU XJENTIFIKU DWAR L-IKLIN

JIKTEB IS-SINDKU DOTTOR DORIAN SCIBERRAS

Fl-istudju li kkummissjona l-Kunsill Lokali tal-Iklin u riċerkat mill-Fakulta għat-Tisħiħ tas-Soċjeta fi ħdan l-Universita ta' Malta, jidher ċar illi r-raħal tagħna għandu elementi t' identita li huma differenti ħafna mill-irħula tal-madwar.

Pereżempju fl-irħula ta' madwarna tista' tgħid li l-ħajja komunitarja issib l-apiċi tagħha fil-ġimgħa tal-festa prinċipali, fejn numru kbir ta' residenti jipparteċipaw b'mod attiv u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom f'ċelebrazzjoni li tgħaqqadhom. Fir-raħal tagħna, din ir-realta ma teżistix.

Ir-raġuni prinċipali tista' tiġi attribwita għal fatt illi bħala raħal huwa pjuttost modern. Din hija xi ħaġa ħażina? Ċertament li le. Wieħed irid dejjem jimxi maż-żminijiet u l-istorja partikolari li ssawwarna.

Dan ma jfissirx li m' għandnix naħdmu lkoll flimkien sabiex insaħħu l-identita partikolari tagħna bħala raħal. Fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu fiha, huwa faċli li wieħed jitlef is-sens kommunitarju għax ikun iffukat fuq il-bżonnijiet personali.

Pero nkunu qed nitilfu ħafna jekk ma nipparteċipawx fil-ħajja tar-raħal li fih ngħixu. Huwa proprju għalhekk illi l-Kunsill Lokali sejjer jagħmel sforz ikbar sabiex iħejji ambjent fejn il-komunita tista' tiġi flimkien u tinteraġixxi.

Dan kemm bħala avvenimenti kif ukoll bħala spazji iktar akkoljenti. Huwa ta' sodisfazzjon kbir illi nara li l-Parroċċa tagħna tagħtina eżempju ta' kif wieħed jista' joħloq ambjent ta' familja 'l hinn minn nukleu familjari individwali.

Ejjew flimkien insaħħu u ngħożżu s-sens komunitarju! Inti tista' tagħmel sehemek billi tipparteċipa fl-attivitajiet illi inhejju għalikom minn żmien għal żmien, kif ukoll billi nkunu miftuħa għal bżonnijiet tal-ġirien tagħna. Ħafna drabi tbissima taf tagħmel differenza kbira.

## HOP ON HOP OFF FORMATION WEDNESDAYS

Nirriflettu flimkien dwar il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli

L-Erbgħat 14, 21 u 28 ta' Settembru mis-6.40 pm sa 7.30 pm, wara l-quddiesa tas-6.15 pm, Dun Sinclair Bugeja, li qed jagħmel studji speċjalizzati fl-Iskrittura Mqaddsa, ser jgħinna nifhmu l-Ktieb tal-Atti tal-Appostli u nirriflettu dwaru. Kulħadd mistieden partikolarment l-Operaturi Pastorali u l-Letturi.